MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 383/1981/1

Giuseppi Schembri u b'digriet ta' l-1 ta' Gunju 2007 l-atti gew trasfuzi f'isem Maria Tereza Schembri, Marcellina Schembri, Prasseda Schembri, Guza Schembri, Nazzarena Fenech armla ta' Carmelo, Catherine Testa mart Carlo, Anthony Schembri, Mario Schembri u Angelo Schembri
vs
Giulia mart Spiridione Curmi, Teresa Schembri, Giuseppa Schembri u b'digriet ta' l-1 ta' Novembru 2006 il-gudizzju ghadda fil-persuni ta' Josephine Schembri, Emanuel Schembri, Helen mart John Borg, Mary mart Emanuel Camilleri u Carmel Schembri, Josephine Schembri, Emanuel Schembri u b'digret tas-7 ta' Mejju 1981 Teresa Schembri giet konfermata kuratrici deputata biex tirrapprezenta lill-assenti Helen mart John Borg, Mary mart Emanuel Camilleri u Carmel Schembri u b'nota tat-12 ta' Gunju 2001 Emanuel Curmi assuma l-atti minflok Teresa Subhani xebba Schembri biex jirrapprezenta lill-assenti Carmel, Helen Sciberras gja Borg, Mary Camilleri,

Tereza Subhani xebba Schembri u Josephine ahwa Schembri

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**

Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi li biha ippremettew:

1. Illi b'att tal-11 ta' Ottubru 1979 fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Raphael Darmanin il-kontendenti Giuseppe Schembri, Giulia mart Spiridione Curmi u Peter Schembri awtur tal-konvenuti l-ohra kienu qasmu proprjeta` li kienet komuni kif jidher mill-kopja annessa mac-citazzjoni Dokument A;

2. Illi fl-imsemmi att l-attur gie assenjat it-tielet porzjoni liema porzjoni tinkludi passagg mikxuf li jaghti mit-triq Mqabba Road sal-proprjeta` retroposta u liema passagg kellu jkun soggett ghad-dritt ta' passagg tal-konvenuti l-ohra;

3. Illi l-attur kellu l-fakulta` li jsaqqaf l-istess passagg f'liema kaz il-konvenuti kollhom ihallsu sest mill-ispejjes ta' l-istess saqaf u billi l-attur nefaq tliet mija u seba u tletin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm337.16,0) ghal dan ix-xoghol;

4. Illi fl-imsemmi kuntratt (Dok A) il-manutenzjoni ta' l-istess passagg kellha tkun a kariku tal-ko-dividendi terx kull wiehed;

5. Illi l-kontendenti mhux qed jaqblu kemm ghandha tkun l-ispiza ta' din il-manutenzjoni;

L-atturi talbu lill-Qorti:

1. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur sesta parti mill-ispejjes liema somma tigi okkorendo likwidata minn din il-Qorti;

2. Tillikwida l-ammont li ghandu jintefaq ghal manutenzjoni ta’ l-imsemmi passagg u dan anke okkorrendo permezz ta’ periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenuta Giulia Curmi thallas terza parti mill-istess ammont hekk likwidat u l-konvenuti l-ohra bejniethom jigu kundannati jhallsu terza parti ohra mill-istess ammont.

Bl-ispejjes komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tad-9 ta’ Marzu, 1981 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni, u bl-ispejjes tar-rikors kontestwali ghan-nomina ta’ kuraturi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ta’ Giulia mart Spiridione Curmi li biha eccepiet:

Illi t-talbiet attrici huma infundati peress li l-konvenuta ma irrifjutatx li tikkontribwixxi s-sehem taghha mill-ispejjes tas-saqaf u tal-manutenzjoni tal-passagg de quo kemm-il darba l-ispejjes ikunu miftehma u indikati u kemm-il darba jibqa’ miftiehem li l-istess passagg japparteni wkoll lill-konvenuta b’terza parti, kif kien miftiehem ghalkemm mhux korrettament imfisser fl-att tad-divizjoni.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuta Giulia Curmi.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew:

Illi d-domandi huma infondati ghaliex l-attur qieghed jippretendi li ghandu jiehu, minghand il-konvenuta Curmi u minghand il-konvenuti l-ohra Schembri, is-somma ta’ Lm66.19,0 kull wiehed, u daqshekk talab b’ittra ufficjali, mentri fil-fatt huwa ghandu jiehu biss is-somma ta’ Lm49,19.0 komplessivament, liema ammont gie offert lill-attur u minnu rifjutat.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-digriet ta' l-1 ta' Dicembru 1982 li permezz tieghu gie nominat Dr. Tonio Azzopardi bhala perit legali.

Rat il-verbal tad-19 ta' Gunju 1996 li minnu jirrizulta li gie nominat il-Perit Frederick Doublet bhala perit tekniku.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Frederick Doublet fejn issemma li:

"**6.0 Analisi**

Illi l-esponent jirreferi ghall-affidavit ta' Giuseppi Schembri u l-istima tal-Perit Emmanuel Zammit annessa mieghu, kif ukoll ghax-xhieda ta' l-istess Giuseppi Schembri fl-ewwel seduta tal-Perit Legali.

6.1 Fl-affidavit huwa qal li nefaq is-somma ta' Lm87.08 u specifika li dawn jirrapprezentaw l-items fl-istima tal-Perit Zammit enumerati 1, 3, 5 u 6 u l-ammont ta' Lm87.08 (minn total ta' Lm381.28) jaqbel mal-istess items.

6.1 Qal ukoll li fadallu jonfoq Lm294.20, li b'referenza ghall-items fl-istima li jirrapprezentaw 2 konkrit fl-art Lm183.00, u 4 tikhil ta' hitan Lm111.20 b'total ta' Lm294.20.

6.2 Fl-istima ma hemm imsemmi xejn aktar, la dwar il-hnejja u lanqas dwar is-saqaf fuq il-passagg.

6.3 It-tieni premessa ta' l-attur issemmi li l-attur nefaq Lm337.16 sabiex ghamel is-saqaf fuq il-passagg, (li fl-ewwel seduta tal-Perit Legali qal li jinkludu Lm60 ghall-hnejja). Hawn issir referenza ghad-dokumenti (ricevuti). Dok D hnejja Lm60.00, Dok E saqaf tal-konkos Lm277.16 b'total ta' Lm337.16.

6.4 Ghalhekk l-attur nefaq (Lm87.08 + Lm337.16 = Lm424.24.
Il-perit tekniku ghandu jezamina jekk l-ammont li diga nefaq l-attur huwiex gust, u jistabbilixxi bil-prezzijiet tal-lum l-istima ghal:
i)konkos ta' l-art,
ii)tikhil u tibjid,
iii)xatba ta' l-injam,
iv)manutenzjoni.

6.5 L-esponent huwa ta' l-opinjoni li l-ammont ta' Lm424.24 ghax-xoghol li diga ghamel l-attur hu gust.

6.6 "Dwar dan ix-xoghol li baqalu jsir l-esponent ipprepara *spreadsheet* li fiha inkluda l-prezz tax-xoghol"… li fadallu jsir b'total ta' Lm764.70 u l-manutenzjoni – medja annwali b'total ta' Lm70.80.

6.7 "Ghalhekk il-konvenuti, salv ghal konsiderazzjonijiet ta' natura legali, ghandhom ihallsu sehemhom mill-ispejjes li nefaq l-attur sal-lum u dawk li ghandu jaghmel biex ilesti x-xoghol, u cioe`, sehemhom minn (Lm424.24 + Lm764.70=) **Lm1188.94**.

6.8 Minbarra hekk il-konvenuti ghandhom ukoll, salv ghal konsiderazzjonijiet ta' natura legali, ihallsu sehemhom mill-ispejjes medji ta' manutenzjoni ta' **Lm70.80 kull sena**, minn wara li jintemm ix-xoghol imsemmi f'Bill 1 f'paragrafu [6.6]. Salv ukoll ghall-kawza miexa ma' din, **"Curmi Giulia et -vs- Schembri Giuseppe – Cit. Nru. 642/87CFS".**"

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali Dr. Tonio Azzopardi fejn wara li dahal u ezamina l-kunsiderazzjonijiet legali, id-dritt

ta' proprjeta`, it-tisqif u l-manutensjoni, wasal ghal-likwidazzjoni tal-perit tekniku u qal hekk:

"LIKWIDAZZJONI MILL-PERIT TEKNIKU

Il-perit tekniku, A.I.C. Frederick Doublet iddikjara li fil-fehma tieghu l-ammont ta' Lm424.24 pretiz mill-attur ghax-xoghol li diga' ghamel "huwa gust". Dan jikkomprendi nefqa ta' Lm87.08 u Lm337.16 (ara pagna 6 tar-Relazzjoni ta' l-espert tekinku). L-istess perit tekniku wasal ghal dina l-konkluzjoni wara li ghamel l-Analisi li tidher f'pagna 5 tar-Relazzjoni tieghu.

Imbaghad, l-espert tekniku ghadda biex jezamina l-kwistjoni dwar ix-xoghol li fadallu jaghmel l-attur. Ghal dan il-ghan, il-perit tekniku ipprepara 'spreadsheet' li fiha inkluda diversi xogholijiet (ara 'spreadsheet' f'pagna 6 tar-Relazzjoni tieghu). Huwa ikkonkluda li t-total fir-rigward ta' "Xoghol li fadallu jsir" huwa ta' Lm764.70. Huwa ikkonkluda wkoll, ghar-rigward tal-manutenzjoni annwali, li din tammonta ghal Lm70.80.

Fl-ahharnett, il-perit tekniku ghadda biex jigbor il-konkluzjonijiet tieghu hekk:

"6.7 Ghalhekk il-konvenuti, salv ghal konsiderazzjonijiet ta' natura legali, ghandhom ihallsu sehemhom mill-ispejjes li nefaq l-attur sallum u dawk li ghandu jaghmel biex ilesti x-xoghol, u cioe`, sehemhom minn (Lm424.24 + Lm764.70=) **Lm1,188.94**.

6.8 Minbarra hekk il-konvenuti ghandhom ukoll, salv ghal konsiderazzjonijiet ta' natura legali, ihallsu sehemhom mill-ispejjes medji ta' manutensjoni ta' **Lm70.80 kull sena**, minn wara li jintemm ix-xoghol imsemmi f'Bill 1 f'paragrafu [6.6]. Salv ukoll ghall-kawza miexa ma din, **"Curmi Giulia et – vs- Schembri Giuseppe** – Cit. Nru. 642/87CFS."

RIEPILOGU

1) Il-proprjeta` tal-passagg imsemmi fit-Tielet Porzjoni tappartjeni lill-attur.

2) Is-sid ghandu dritt jaghmel il-manutenzjoni mehtiega minghajr in-necessita` li l-ispejjez jigu miftiehma minn qabel. L-attur seta' jezercita d-drittijiet tieghu ta' proprjetarju kif jidhirlu, inkluz id-dritt tieghu li jsaqqaf il-passagg u li jzomm fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u riparazzjoni, u dan minghajr il-htiega tal-kunsens jew approvazzjoni ta' hadd, ghaliex altrimenti dan id-dritt tieghu jigi mxekkel.

3) Is-sid ghandu dritt ghar-rifuzjoni kif gie miftiehem fil-kuntratt.

4) Fil-kaz in kwistjoni, l-ispejjez joriginaw mit-tisqif u mill-manutenzjoni.

5) F'kaz ta' tisqif tal-passagg, l-ispejjez xorta wahda ghandhom jinqasmu bejn it-tliet ahwa ugwalment. Ghalhekk, isegwi necessarjament illi l-konvenuta Giulia Curmi u l-konvenuti l-ohra flimkien ghandhom jirrifondu lill-attur sesta parti (1/6) mill-ispejjez tat-tisqif.

6) L-ispejjez tal-manutenzjoni ghandhom jinqasmu skond it-termini tal-kuntratt, jigifieri terza parti (1/3) kull wiehed, bejn l-attur Giuseppi Schembri, il-konvenuta Giulia Curmi u l-konvenuti l-ohra. Din hija l-unika konkluzjoni logika li l-kuntratt jippermetti.

7) L-ispiza kienet wahda ragonevoli.

8) Il-konvenuti ghandhom ihallsu sehemhom mill-ispejjez li nefaq l-attur sal-lum u dawk li ghandu jaghmel biex ilesti x-xoghol, u cioe`, sehemhom minn (Lm424.24 + Lm764.70=) **Lm1,188.94**.

9) Barra minn hekk, il-konvenuti ghandhom ukoll ihallsu sehemhom mill-ispejjez medji ta' manutenzjoni ta' **Lm70.80 kull sena**, minn wara li jintemm ix-xoghol imsemmi f'Bill 1 f'paragrafu [6.6].

10) Apparti l-premess, tibqa' impregudikata kull kwistjoni li tifforma l-meritu tal-kawza **"Curmi Giulia et vs**

**Schembri Giuseppe"** – Cit. Nru. 642/87CFS – li ghad trid tigi deciza."

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2001 fil-kawza fl-ismijiet **Louis Theuma vs Anthony Borg** irriteniet illi:

"l-appellant jilmenta, u f'dan ghandu jinghata ragun, illi l-ewwel Qorti illimitat il-gudikat taghha ghal adozzjoni tar-rapport peritali li hi dikjarat li kienet accettabbli ghaliha taht kull aspett. F'okkazzjonijiet simili kien hemm gudikati ta' din il-Qorti fejn is-sentenza appellata tkun iddikjarata nulla u l-atti rimessi lill-Ewwel Qorti in kwantu s-sentenza tkun tiddifetta mill-element essenzjali taghha, dik li taghti motivazzjoni xierqa ghad-decizjoni taghha. Il-Qorti kellha kull dritt li taddotta rapport peritali li jkun sewwa investa t-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenut skond l-inkarigu moghti pero' tali adozzjoni kellha tkun wahda kritika fis-sens wiesgha tal-kelma u s-sentenza kellha allura taghmel accenn ghas-sottomissjonijiet tal-kontendenti dwar ir-rapport peritali u taghti raguni anke b'mod sintetiku ghaliex ciononostante l-Qorti kienet tal-fehma li tinkorpora l-qalba tar-relazzjoni bhala l-motivazzjoni tas-sentenza taghha, kif ghamlet il-Qorti f'dan il-kaz".

[Ara wkoll PA – LFS – 22/6/04 **Clive Simpson vs John Saliba noe et**].

Ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Vella Carmel vs Sammut Victor** (Prim'Awla – Imh. P. Sciberras), deciza fit-18/2/2004 intqal:

"Issa huwa pacifiku f' kazijiet ta' din ix-xorta illi l-gudizzju tal-Qorti kellu necessarjament ikun bazat fuq l-opinjoni teknika tal-perit nominat minnha. Dan aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta lilha koncessa b' talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali. Ara "**Giswarda Bugeja *et* -vs- Emmanuele Muscat *et***", Appell Civili, 23 ta' Gunju 1967;

Huwa minnu illi skond l-Artikolu 681 tal-Kapitolu 12 il-Qorti ma hijiex tenuta jew marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tal-perit u li, bhal materjali istruttorji ohrajn

huma kontrollabbli mill-gudikant, kontra l-konvinzjoni taghha nfisha. “Dan pero` ma tistax taghmlu b’ mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b’ ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta’ l-aspett tekniku tal-materja taht ezami” - “**Philip Grima -vs- Carmelo Mamo *et nomine***”, Appell, 29 ta’ Mejju 1998. Anzi, gie wkoll sewwa ritenut illi “f’ cirkostanzi bhal dawn ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni peritali. Dana mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenement jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-meritu, imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b’ mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkunu waslu ghalih l-esperti minnu nominati” - “**Benjamin Camilleri *nomine* -vs- Charles Debattista *nomine***”, Appell, 9 ta’ Frar 2001.”

Fil-kawza **Champalin Company Limited vs Emmanuel Debono et** (Imh. J. R. Micallef - 01/03/2004) inghad:
“Ir-ragunament imfisser tant tajjeb fir-Rapport imressaq minnu jikkostitwixxi determinazzjoni ta’ fatt li din il-Qorti sejra toqghod fuqu ghaliex, ghalkemm *dictum expertorum numquam transit in rem judicatam*, il-konkluzjonijiet ta’ perit tekniku jikkostitwixxu prova u mhux semplici opinjoni jew suspett. Tali fehmiet ghandhom is-sahha ta’ prova bhal kull prova ohra ammissibbli fil-ligi, u jibqghu jgawdu din il-kwalita’ sakemm ma jigux kontestati, jew permezz ta’ provi ohrajn kuntrarji ghalihom jew inkella b’sottomissjonijiet serji u tajbin bizzejjed li juruhom bhala fehmiet inattendibbli u li ma jitwemmnux App Civ 9/2/2001 – Camilleri vs Debattista]. Ghalkemm il-Qorti m’hijiex marbuta li toqghod ghal fehmiet ta’ perit minnha mahtur kontra l-konvinzjoni taghha nnifisha [Kap 12 Art 681] , madankollu l-*giudizio dell’arte* ma jistax u m’ghandux jitwarrab facilment, sakemm ma jkunx jidher b’mod car li l-fehmiet u konkluzjonijiet tal-perit huma irragonevoli [App Civ 23/6/1967 Bugeja vs Muscat et].”

Gie esebit il-kuntratt tad-divizjoni tal-11 ta' Ottubru 1979. il-beni kienu ta' l-ahwa Schembri li wirtu minghand il-genituri taghhom u gew elenkati l-hames porzjonijiet. L-attur kien gie assenjat it-tielet porzjoni li kienet tinkludi passagg mikxuf, kamra fuq ix-xellug u l-arja taghha, arja fuq l-istess passagg. Fil-kuntratt inghad li l-passagg kien qed jigi assenjat lil din il-porzjoni bi dritt ta' access favur Peter Schembri u Giulia Curmi. Inghad li l-manutenzjoni tal-passagg tkun a karigu ta' Joseph u Peter ahwa Schembri u Giulia Curmi u li f'kaz li l-passagg jissaqqaf Peter Schembri u Giulia Curmi jkunu obbligati li jhallsu sest mill-ispejjez relattivi. Izda fl-eccezzjonijiet taghha l-konvenuta Giulia Curmi sostniet li l-ispejjez ghandhom ikunu miftiehma u li l-passagg jappartjeni wkoll f'terza parti lilha ghax l-att tad-divizjoni ma kienx korrett.

L-attrici allegat li dak li gie mnizzel fil-kuntratt mhux dak pattwit. Gie sostnut li hemm konflitt bejn id-dicitura tal-kuntratt u dak li kien imnizzel bil-lapes fuq il-pjanta.

Il-Qorti taqbel ma' dak li qal il-perit legali li n-notamenti bil-lapes maghmula min-Nutar Darmanin tnizzlu bi zvista fil-post zbaljat, kif jidher a fol 35 tar-rapport peritali, ossija 241 tal-process. Dik li mitlub fil-kuntratt jorbot lill-partijiet ' il fuq minn kull haga ohra. Pjanta hija intiza biex tghin izda l-parti dispozittiva tal-kuntratt torbot lill-partijiet. Il-Qorti ma tinsabx konvinta li l-proprjeta` tal-passagg kellha tappartjeni lit-tliet kondividendi liema prova ta' zball fil-kuntratt riedet issir b'mod car u inekwivoku u ghalhekk id-dispozizzjonijiet tal-kuntratt ghandhom jorbtu s-sitwazzjoni. Ghalhekk il-passagg imsemmi fit-tielet porzjoni jrid jitqies li jappartjeni lill-attur.

Stabbilit li l-proprjeta` tal-passagg fit-tielet porzjoni tappartjeni lill-attur, dan ghandu dritt jaghmel l-ispejjez ragjonevoli kollha minghajr ma joqghod jitlob permessi minn qabel, purche` l-ispejjez ikunu ragjonevoli, u in segwitu ghandu dritt ghar-rifuzjoni. Hawnhekk il-Qorti thoss li ma hemm ebda raguni ghaliex ghandha tbiddel l-istimi li ghamel il-perit tekniku u talloka l-ispejjez tat-tisqif tal-passagg bhala sest (1/6) bejn l-ahwa jew l-aventi kawza taghhom b'mod li l-konvenuta Giulia Curmi

ghandha ggorr ir-responsabbilta` ta' sest (1/6) ta' l-istess spejjez filwaqt li l-konvenuti l-ohra flimkien ghandhom jirrifondu lill-attur sest (1/6) mill-ispejjes tat-tisqif. L-ispejjes tal-manutenzjoni ghandhom jinqasmu terz (1/3) kull wiehed bejn l-attur Joseph Schembri, il-konvenuta Giulia Curmi u l-konvenuti l-ohrajn. L-ispejjez tas-saqaf kif inghad fit-totalita` tieghu huwa ta' Lm1188.94. Is-sest tat-tisqif huwa Lm198.15, ossija €461.56. Spejjes ta' manutenzjoni ta' kull sena huwa ta' Lm70.80, divizi bejn 3, ossija Lm23.60, ossija €54.97 kull sena minn wara li ntemm ix-xoghol fl-1981.

L-imsemmi kuntratt ta' divizjoni kien jistipula l-possibbilta` li l-passagg jissaqqaf u f'dak il-kaz Peter Schembri u Giulia Curmi jkunu obbligati li jhallsu s-sest mill-ispejjez relattivi. Il-Qorti qrat in-nota originali tal-konvenuti kif in-nota a fol 459 *et*. L-ammonti gew stabbiliti mill-perit tekniku appuntat minnha kif diversament presjeduta u jekk il-parti hasset li ghandha tattkka dan setghet talbet in-nomina tal-periti addizzjonali. Dak sottomess fil-paragrafi a, b, c, d a fol 459 sa 461 tal-process m'ghandhux ivarja dak propost mill-Perit Doublet.

Ukoll, il-konvenuti sostnew li m'ghandhomx ihallsu l-ammonti ta' spejjez ta' manutenzjoni. Interessanti dwar dan huwa li fejn dehrilhom il-konvenuti qalu li l-ewwel xogholijiet ghandhom jigu approvati fejn dehrilhom li tali xogholiijiet ghandhom l-ewwel isiru u mbaghad jintalab il-hlas.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghalhekk b'riferenza ghall-eccezzjoni ta' Giulia Curmi, l-ewwel sostniet li ma oggezzjonatx, izda mbaghad ziedet li basta jibqa' miftiehem li l-istess passagg jappartjeni wkoll lill-eccipjenti. Hu logiku ghalhekk li fil-verita` Giulia Curmi irrifjutat li thallas ghax ma setghetx bl-iskuza tal-hlas tbiddel kuntratt bil-kundizzjonijiet ta' go fih. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

L-eccezzjoni tal-konvenuti l-ohra wkoll qed tigi michuda minhabba li fil-fehma taghhom komplessivament kellu jithallas biss Lm49.19.

Dwar it-talbiet attrici l-Qorti qed tilqa’ l-ewwel talba billi kif issemma fuq illikwidat l-ammont dovut minn Giulia Curmi f’sesta parti u mill-konvenuti l-ohra f’sesta parti ohra ghal tisqif, li kull sesta parti tammonta ghal €461.56.

Tillikwida l-ammont ghal manutenzjoni fl-ammont ta’ €54.97 ossija terz ta’ Lm70.80 ossija Lm23.60 kull parti. Fil-fehma tal-periti dawn huma dovuti kull sena.  Il-Qorti tista’ tikkundanna ghal dak li kien jezisti meta giet prezentata c-citazzjoni u mhux ammonti futuri.

Ghal dawn il-motivi tikkundanna lill-konvenuta Giulia Curmi thallas lill-attur is-somma ta’ €516.53 (€461.56 + €54.97), kif ukoll lill-konvenuti l-ohra bejniethom solidalment ghall-istess somma.

Spejjez tal-kawza nofs ghal Giulia Curmi u nofs ghall-konvenuti l-ohra.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------